**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 4 ta' Lulju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**-vs-**

**Ruth Frau, detentrici tal-karta tal-identita` numru 264177M**

***Kumpilazzjoni Nru. 407/2013***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Ruth Frau u ċioè talli:

1. Bejn il-15 u t-18 ta' Frar, 2013, f'dawn il-gżejjer u ċjoè minn ġewwa n-Nicholls Ground li jinsab f'Manoel Island il-Gżira, kkommettiet serq ta' trailer, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) bil-persuna u kif ukoll bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u li sar għad-detriment tas-sur Publius Said u/jew persuni oħra;
2. Matul l-istess perjdou u l-istess lok u ċirkostanzi, ikkommettiet serq ta' tinda liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u kif ukoll bil-persuna, u li sar għad-detriment tas-sur John sive Johann Said u/jew persuni oħra;
3. Fl-istess perjodu u fil-ġranet ta' wara din id-data, f'dawn il-gżejjer xjentament laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, u ċjoè trailer u tinda, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reati, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indaħħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom;

4. Fl-istess perjodu u fil-ġranet ta' wara din id-data, bil-ħsieb li tesorċita flus jew ħaġa oħra, jew li tagħmel xi qligh, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew kwerela kontra, jew li tagħti malafama lis-sur John sive Johann Said u/jew xi persuni oħra;
5. Bejn il-15 u t-18 ta' Frar, 2013, u fil-ġranet ta' wara din id-data, bla hsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha, u ċjoè żemmet għaliha trailer u tinda b'detriment tas-sur John sive Johann Said u/jew persuni oħra; ġiegħlet, bl-awtorità tagħha nnifisha, lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew ħattiet bini jew kisret il-mixi tal-ilma jew ġadet l-ilma għaliha jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indħalet fi ħwejjeġ ħaddieħor;
6. Nhar it-22 ta' Novembru, 2012, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqaqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerikali, għamlet qliegħ bi ħsara ħaddieħor u ċjoè tas-sur John sive Johann Said u/jew xi persuni oħra;
7. Bejn il-15 u t-18 ta' Frar, 2013, u fil-ġranet ta' wara din id-data, għamlet xi ħaġa mingħajr liċenzja tal-awtorità kompetenti, u ċjoè waqqfet u żammet tinda u Luna Park gewwa n-Nicholls Ground li jinsab f'Manoel Island il-Gżira meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorità kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi; u
8. Bejn il-15 u t-18 ta' Frar, 2013, u fil-ġranet ta' wara din id-data, f'dawn il-gżejjer, użat jew ġiegħlet jew ħalliet lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnha jew minn dik il-persuna l-oħra skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-18 ta' Lulju, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-**Ispettur Jesmond Micallef** spjega li kien ircieva kwerela da parti tal-parte leza Johan Said li kien llamenta mieghu li l-imputata kienet zammet ghandha tinda u trailer li kienu jappartjenu lilu. Sussegwentement ha l-

[1] Fol.335

istqarrija[2] tal-imputata fejn din qalet li t-tinda giet zarmata minn impjegati taghha fosthom zewgha u li kienet fil-pussess taghha ghaliex skond hi dan kien konformi ma dak li kien inftiehem mal-parte leza izda ma zvelatx mall-Pulizija fejn kienet t-tinda u trailer. Spjegat li kienu ftehmu li jekk Said ma jasalx biex jaghmel il-hlas dovut lilha hi kienet ser izomm it-tinda; peress li Said ma hallasx dak dovut minnu hi zammet it-tinda kif ukoll trailer li rriteniet jaghmel parti mit-tinda. Hi ssostniet ukoll li hi kellha l-permessi mehtiega biex tarma luna park u li rigward permessi ohra kellhu jiehu hsieb jottjenihom Said. Kkonfermat li kemm il-darba Said ihallas l-ammont dovut lilha, hi kienet ser ittieh lura t-tinda u t-trailer. [3] Fl-istess stqarrija Frau tghid ukoll li kien sar arrangament bil-miktub ma Said f'Novembru, 2012, fejn kellhu jiehu hsieb jakkwista d-dokumenti necessarji sabiex tista' tintrama t-tinda. Wara kien irrizulta li Said ma kienx inxurja t-tinda u kellha tohrog *insurance* ghaliha hija stess. Lejn l-ahhar ta' Frar, 2013, fil-gurnata tal-Hadd, kienet zarmat it-tinda fil-presenza ta' Publius Said, missier il-parte leza.[4] Frau izzid li hi kienet qed tistenna pagament ta' €9,000 sabiex tirritorna t-tinda u t-trailer.[5]

Illi gie esebit Ftehim bejn Frau u Said datat it-22 ta' Novembru, 2012, li kien jipprovdi li Frau talloka t-tinda ta' Said fuq parti ta' football ground, Nicholl's Ground, li kienet qed topera u tiggestixxi, ghas-somma komplessiva ta' €10,000 fejn bhala garanzija ta' pagament tpoggiet l-istess tinda. L-ahhar €4,000 kellhom jithallsu sat-28 ta' Frar, 2013, u **f'kaz li Said jonqos milli jhallas l-ammonti kif stipulati fil-ftehim, it-tinda kienet issir propjeta` ta' Frau bhala kumpens**.[6] Said kellhu jzarma t-tinda sa mhux qabel is-16 ta' Marzu, 2013, u f'kaz li tithalla mwahhla sat-22 ta' Marzu, 2013, din kienet tghaddi f'idejn Frau.[7]

Ghalhekk minn dan l-ftehim jirrizultaw is-segwenti konsiderazzjonijiet-

a). Il-Ftehim jitkellem biss dwar tinda u mhux trailer;

b). L-obbligi ta' Frau kienu li:

(i) thalli tigi armata it-tinda fuq medda ta' art ta' 800m$^2$;

(ii) tavza lil Said gimgha qabel ma taghmel uzu mit-tinda kemm il-darba trid tuzaha meta mhiex qed tintuza minn Said;

c). L-obbligi ta' Said kienu li:

(i) ihallas l-ewwel €6,000 sat-28 ta' Dicembru, 2012, u l-ahhar €4,000 sat-28 ta' Frar, 2013, u li t-tinda tpoggiet bhala garanzija ghal tali

[2] Dok.JM2 a fol.8-10
[3] Fol.36-37
[4] Fol.9
[5] Fol.10
[6] Dok. JM1; fol.12-13; Para.4,
[7] Para.1.

pagamenti. **F'kaz li jonqos minn xi pagament kif intqal, it-tinda ssir propjeta` ta' Frau**;[8]

(ii) biex isiru attivitajiet organizzati minn Said dan kellhu jinforma bil-miktub lil Frau li kellha taghti l-kunsens taghha bil-miktub bil-kundizzjoni li *"activities organized by the Second Party [Said] should be notified to the First Party [Frau]........the relevant police permits and/or licences and any other required permits and/or licences are granted to the Second party".*

Fil-fehma tal-Qorti galadarba tali permessi u/jew licenzji kellhom jinghataw lill-Said, tali dicitura twasslek biex tikkonkludi li kellhu jkun hu li japplika ghalihom.[9]

(iii) Said kellhu jassigura li jkun kopert b'polza t'assikurazzjoni liema polza kellha tindika bhala 'interested party' lil Frau. *"The Second Party shall immediately give to the First Party a copy of the relavtive insurace policy."*[10]

(iv) izarma t-tinda wara is-16 ta' Marzu, 2013 izda mhux wara it-22 ta' Marzu, 2013.[11]

Ghaldaqstant jinghad mill-ewwel li apparti ghall-fatt li t-trailer ma jissemma' bl-ebda mod fil-ftehim, dak li ddikjarat Frau fl-istqarrija taghha hu kkonfortat bl-istess arrangament.

Illi **Johan Said** xehed li hu kellhu tinda li kien jikri lil terzi. F'Settembru, 2012, avvicinah certu Gerry li *"xtaq jaqla lira, jien peress illi dak iz-zmien kont veru busy, ghidtlu ghandi din it-tinda, jekk isibilha post fejn tarmaha naqsmu l-profits bejnietna.* ***Ghamiltielu*** *cara ghidtlu ghoqod attent ghidtlu l-permessi iridu jkunu ta iktar minn 30 days, ghax dak hemm permessi temporary structure ta 30 days u jiena ma kellix aptit nibghat id-daddy tieghi jarmaha u wara 30 days irid izarma, allura jien ghidtlu li importanti din ikun hemm il-permess ta full development permit li allura tista tarma iktar minn 30 days. .... Il-mument li taqbez it-30 days qed tistenna minn gurnata ghal ohra l-enforcement.....".*[12] Ghadda zmien u Gerry rega ltaqa' mieghu w infurmah li sab post fejn din it-tinda setghet tintrama u qablu li Frau toffri l-art, Gerry jiehu hsieb l-amministrazzjoni u jgib il-kirjiet li kien ser jaqsam ma' Said u Said jarma t-tinda. *"Fl-ewwel gimgha t'October id-Daddy qabad jarma t-tinda, u nahseb dam tliet gimghat biex jarmaha din ghax bdejna nippruvaw narmawha sew peress illi kienet on a long term, Miss Frau u Gerry kienu qed jahdmu bejniethom biex igibu kirjiet kemm jista jkun, ....u dawn f'nofs October jew l-ahhar t'October irnexxilhom jaghmlu kuntratt li on the 28th of November kien ha jkun hemm din il-glieda kickboxing internazzjonali on the 28th of*

8

9 Para.5

10 Para.8

11 Para.1

12 Fol.44

*November, ovvjament Gerry dahal fi ftehim ma dan il-persuna, on the 28th of November u ftehmna jidhirli li jtina 2500 Euros dan il-persuna kirja ta lejl..... minn dawk it-2500 kellha tiehu 1/3 Miss Ruth Frau, 1/3 dan Gerry u 1/3 jiena"*[13]

Ix-xhud ikompli li wara li Frau kienet staqsiet ghal €40,000 kien lahaq qbil maghha *"on the 22nd of November, jigifieri terga xi 5 days wara, minn hemm u minn hawn ikkonvincejtha ghidtilha 40 hija too much, wasalna ghal 10,000 Euros. Emmini ma kellix alternattivi ohra, naqlaha minn hawn, m'hemmx x'taghmel riedet hekk,* ***on the 22nd of November jien iffirmajt dan il-kuntratt u nametti li ffirmajt bit-tinda ga armata****."*[14] Jghid li l-imputata kienet qaltlu li hi kellha permessi sal-15 ta' Marzu, 2013 ***"U hi intrabtet qaltli ghax jiena ghandi l-permessi sal-15th of March u ma nistax intik iktar mill-15th of March tas-sena ta wara,*** *u jien ghamilt kalkolu ghidt 10,000 Euros jigu 2500 fix-xhar, sewwa peress li November, Dicember, January, February u March 15, u jiena ghidt worth it 2500 Euros fix-xhar, qed intihomla u l-kumplament ikunu ghalija, dakinhar hsibtha hekk....".*[15]

Id-data tal-15 ta' Marzu, 2013, tidher ukoll fid-dokument mahrug minn England Insurance Agency bhala d-data li l-polza t'assikurazzjoni, li nbdiet mill-1 ta' Frar, 2013, kienet ser tiskadi.[16] Din il-polza inharget ghall-avvenimenti taht it-tinda mill-Gzira United Football Club minn Charlon Pace, President tal-Football Club.[17]

Said jispjega kif gie moghti 'enforcement notice' mill-MEPA fejn fiha inghad li *"l-uzu fuq is-sit li acceda l-uzu temporanju koncess mill-ligi, liema uzu jikkonsisti f'uzu tal-art ghall tqieghed ta' tinda 'caravans' u strutturi ohra ancillari fuq is sit."*[18] Jikkoncedi li Frau setghet verament tahseb li kien hu li kellhu jgib il-permessi necessarji *"se mai ejja ha nghidu li hi kienet in good faith u li hasbet li jien kelli permessi u li stajt nhalli t-tinda armata sal-15th March, jiena l-verita, f'November kelli function, tajjeb u hazin irbaht, dahhalthom 2500 Euros, minn dawk it-2500 Euros hallast 1000 Euros ghax dawn filfatt ghalhekk qeghdin 28th November, 28th November ghax il-flus li taghni hu stess dan l-organizer fl-istess gurnata qbadt u ghadejtilha 1000."*[19] In vista ta' tali twissija huipprova jzarma it-tinda izda din ma halliethux. Missieru kien silfu trailer biex ikun f'posizzjoni jpoggi t-tinda fuqu biex igorrha izda anke dan sparixxa meta din qabdet u zarmat it-tinda minghajr ma uzat Perit jew infurmatu.[20]

---

[13] Fol.45-46
[14] Fol.47
[15] Fol.47
[16] Fol.26; pprezentat mill-parte civile
[17] Fol.242
[18] Fol.19
[19] Fol.48
[20] Fol.50

Dakinhar stess li nhareg l-*enforcement notice* qal li kien hemm 'healing service' organizzat taht it-tinda izda ma kienx gie nfurmat b'dan (kif stipulat f'Para.6 tal-Agreement). Nhar l-14 ta' Frar, 2013,[21] kienu ltaqaw mal-avukati rispettivi sabiex jizblukkaw is-sitwazzjoni izda Frau baqghet tinsisti li t-tinda ma kellhiex tintmiss u hadd ma kellhu l-jedd jidhol fuq il-propjeta` taghha biex tizzarma. L-avukati tal-partijiet *"kienu qed jinnegozjaw li nasal bi prezz jien nghid isma jien lest li ntik dawn il-flus u ovvjament ittini t-tinda lura u nzarmaha jien ghax tieghi bis-sena tieghi."*, u qabblu li jistennew sat-Tnejn izda gara li l-Hadd filghaxija, missieru nfurmah li ra t-tinda tizzarma minn nies mqabbda minn Frau.[22] Peress li hu ma marx fuq il-post qabbad lill-missieru jiehu xi ritratti izda xi granet wara ghadda minn hemm u ra *"t-tinda ga mobbija fuq dan it-trailer tad-daddy tieghi".*[23] Jispjega kif granet qabel kien gja pprova jibghat lill-missieru jzarmaha izda sab palk mibni ghall-servizz Ewkaristiku u b'hekk ma setghax inizzel it-tinda. Izid *"hemm korrispondenza fejn ahna ppruvajna nzarmawha eh jigifieri, kemm il-darba morna biex inzarmawha u s-sinjura Frau tghid lid-daddy qabel ma jhallasni mhux ha tizzarma minn hawn u ghandna ftehim li sal-15 ta' March dik trid tibqa armata, jigifieri baqghet tinsisti ma missieri.".*[24]

Biex jipprova li kien kompitu tal-imputata ggib il-permessi necessarji, u dan minkejja li l-Ftehim ma jsemmi xejn minn dan, jispjega li meta ppruvaw juzaw it-tinda sabiex ic-cirku jittiehed mill-Marsa ghal-Manoel Island, kienet Frau li ndahhlet mal-Pulizija sabiex jinhargu l-permessi necessarji.[25]

Madanakollu l-agir kriminuz attribwit lill-imputata, fejn qed jigi allegat li ingannat lill-parte leza, hu wiehed marbut ma' jum specifiku – it-**22 ta' Novembru, 2012**, zmien wara, kif jikkonferma Said *"Filfatt <u>kont ilni diga xhar armat, mill-ewwel gimgha t'</u>**<u>Ottubru</u>**<u> kont diga ilni xhar armat</u>."*[26] Said baghat *sms message* lill-imputata fejn qed jgharrafha li l-MEPA nfurmatu li ma kienx hemm permessi biex titella' t-tinda u li filwaqt hu kien qed jikser il-ligi, hi ma kienitx qed thallieh izzarma t-tinda qabel il-15 ta' Marzu, 2013.[27] Qalilha li sar jaf li kienu ser jinzammu xi avvenimenti taht it-tinda ghall-liema ma kienx hemm insurance cover u dan kien.[28] Jghid hekk *"ghax fil-1st of February kien hemm din il-healing service, li jien qatt ma tajt awtorita ghaliha, u fl-istess gurnata ovvjament kien hemm l-enforcement tal-MEPA,.."*[29]

Minghajr dubbju dak li ghamlet l-imputata seta' jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Ftehim taht il-para. (6) peress li fiz-zmien meta it-tinda ma kienitx qed tintuza minn Said, Frau setghet tuzaha dment li tavza sa gimgha qabel lil

[21] Vide fol.22 ukoll
[22] Fol.51
[23] Fol.53
[24] Fol.54
[25] Fol.55
[26] Fol.54A
[27] Fol.57
[28] Ibid. Estratt esebiti f'DOK. JM5 a fol.186 et seq.
[29] Fol.61

Said, izda din tammonta ghall-kwistjoni puramént civili. **Il-Ftehim innifsu, imkien ma jipprovdu dwar min kellhu jottjeni permessi meta t-tinda kienet qed tintuza minn Frau (First Party)** Kif gja intqal meta gew kkunsidrati l-obbligi rispettivi tal-imputata u tal-parte leza, l-Para. (5) jitkellem dwar permessi li kellhom jinhargu lil Said meta l-avvenimenti kien qed joranizzahom hu (Second party).

Issa anke hawn il-Qorti ma tistax tifhem kif Said jghid li dan il-messag intbaghat fid-29 ta' Jannar,[30] meta *"I have been informed that there are no MEPA permits to erect such a tent and obviously at the moment I am violating the law"*, u ftit mumenti biss qabel jghid *"Le ghalissa fid-29 ta' Jannar l-issue tieghi ma kinitx ghalissa l-MEPA, l-issue tieghi kienet illi t-tinda kienet ghadha kif ghamlet xeba xita, jiena kont qed nitloba biex almenu nzarmaha ghax ahna konna ilna nghidulha, d-daddy kien ilu jmur mill-inqas tliet darbiet darbtejn zgur mar biex izarma."*[31] Tant hu hekk li jkompli *"Fil-1st of February icempluli tal-MEPA qaluli ejja wahda hawn ghax qeghdin iwahhlu l-enforcement mac-cint"*; l-enforcement notice ukoll iggib id-data tal-1 ta' Frar, 2013.[32]

Il-Qorti ghalhekk ser tikkoncentra fuq l-ilment tad-difiza li hu wiehed preciz *"Avukat: **Dak il-punt ghax hi qaltlu li ghandha meta qatt ma kellha. Hi qaltlu li ghandi u qatt ma kellha u tefghaha hemmhekk in good faith li kellha**. Xhud: U kont ilni minn October armat jien xi three months, four months. Avukat: Infatti issa ha tara Sur Magistrat li anki hi qas suppost kienet hemm u qalet li l-art kollha taghha."*[33] In kontro-ezami Said jaccetta l-fatt li anke qabel ma kien gie mgharraf bil-fatt li ma kienx hemm permessi hu diga ma kienx qed jonora l-ftehim *"Ma stajtx nonorah il-ftehim ghax ahna konna ftehmna, f'December konna gja indunajna li hemm problema u jien ridt inzomm il-kwiet halli hi tibqa tahdem bil-Luna Park u tibqa taqla l-ghixien taghha."*[34]

Illi Johan Said riprodott gie mistqosi jipproduci evidenza li Frau kienet qaltlu li kellha il-permessi mehtiega fejn ix-xhud spjega li l-evidenza kienet fil-kommunikazzjoni ta' bejniethom fejn kien intqal li *"ghandha l-permessi f'idejha tal-art biex inkun nista' narma tinda tac-circus.... gieli tkellimna imma voldieri bil-messages tkellimna wara li kienet qisha nqalghet kwistjoni zghira bejnietna."*[35] Il-Qorti ezaminat dak li hu biss estratt ta' messagi (sms) esebiti minn Said li jirrisalu ghal-data wara li gie ffirmat il-ftehim u liema messagi, li gja saret riferenza ghalihom, ghall-bidu juru kollaborazzjoni bejn il-parte leza u l-imputata li kienu qed jahdmu sabiex tinghata xi awtorizazzjoni minghand il-Pulizija. Tant huma kordjali li f'messagg mibghut fl-20 ta'

---

30 Ibid
31 Ibid
32 Fol.19
33 Fol.58-59
34 Fol.62
35 Fol.179-180

Dicembru, 2012 jghidilha *"OK queen".*[36] Ta' importanza hu messagg mibghut minn Said lil Frau fit-2 ta' Jannar, 2013, fil-21:03 hrs fejn jghidilha *"Ruth ghada fid-disa u nofs incempillek. Izzarma xejn alissa. Halli kollox kif hu."*[37] Din tikkontrasta ma dak li kien qed jixhed qabel u cioe' li hi kienet qed twaqqfu milli jzarma it-tinda! Fil-fatt l-ghada fil-11:46hrs Ruth thossha urtata ghaliex ma kienx qed jirrisopondi *"Int ragel xint??Tibza tirispondi....".*[38]

In kontro-ezami Said jikkonferma li ma pprezentax kawzi civili sabiex jitwaqqa l-ftehim. Jghid li *"Ma kontx obbligat qatt li nhallas jekk ma kienx hemm permessi tal-MEPA..... l-permessi tal-licenzji l-obbligu kien tieghi, pero l-obbligu tal-full development permit tal-art kien a karigu taghha la hi qeghda tikrili l-art ghal erba' xhur, l'erba xhur jaqbzu ghal thirty days, il-MEPA jekk inti taqbez it-thirty days irid ikollok il-permess full development permit qabel dak il-kuntratt."* **Mitlub juri fejn il-ftehim jinghad li kien obbligu tal-imputata iggib il-Full Development Permit, iwiegeb li ma jafx jirrispondi** imma jammetti *"Il-full development permit lili qaltli li ha ttihuli, dejjem ha ttihuli ha ttihuli u qatt ma pprovdiethuli......Hemm hafna affarijiet li* ***l-verita' kienet li jiena kelli qabel ma niffirma dak il-kuntratt kelli nghidilha gibli l-full development permit u niffirmawh. Dak l-izball li ghamilt jiena veru."***[39]

Illi **Publius Said**, missier l-parte leza, xehed kif ibnu kien talbu jmur jarmaghlu t-tinda l-Gzira fejn biex jaghmel dan kien uza t-trailer tieghu.[40] Ix-xhud spjega f'dettal it-teknika involuta biex din it-tinda tintrama' minghajr ma ssir hsara fuqha *"Jiena nifhem illi xi hadd li jkun handiman, wara tlieta, erba darbiet hamsa jigi professional daqsi u jista jigi ahjar minni wkoll."*[41] Kien hemm xi intoppi zghar sabiex titella' izda x-xoghol sar anke billi taw daqqa t'id ir-ragel tal-imputata u xi kollegi minn tieghu.[42] Ikompli jispjega kif l-imputata *"qabel ma tellajtha s-Sinjura giet xi tliet darbiet u qaltli Leo tarmax qabel ma nghidlek jiena. Ghidtilha ghaliex? Qaltli ghax qed nistenna permess minghand il-Mitserv jew minghand il-Football Club tal-Gzira u l-permess ha johrog zgur, qaltli pero ttellahiex. Allura jien frixtha ma l-art, lestejtilha l-holoq lestejtilha kollox u stennejt lis-sinjura. At one time is-sinjura qaltli tista tarmaha, jigifieri dik wahda mill-prospetti taghha....[Qorti: Tiftakar meta kien dan?] ...Ottubru? Nofs Ottubru,...".*[43]

Ikompli jispejga kif darba minnhom lemah it-tinda bil-koppla taghha l-isfel u kif resaq vicin taghha sabha nofsha zarmata *"Lis-sinjura ghidtilha tista tghidli x'gara jien? It-tifel kif zarmaha? Qaltli le t-tifel irid itini xi flus u*

[36] Fol.183
[37] Fol.185
[38] Fol.186
[39] Fol.348-349
[40] Fol.65
[41] Fol.66
[42] Fol.67-68
[43] Fol.68

*johodha t-tinda bhal speci..... It-tifel xi gimgha qabel bghatni biex inzarmaha."*[44]

Sinifikanti hafna hija t-twegiba tax-xhud meta mistoqsi direttament jekk t-tinda *"gharmajtha fil-bidu ghax kienet qaltlek li kellha l-permessi"* izda **x-xhud qatt ma jghid li tella' t-tinda ghax Frau qaltlu li gabet il-permessi** izda kien hu li pprezuma li hekk kien ghax *"Nghidlek il-verita qaltli tarmahiex domt hamsa, sitt ijiem nistenniha jiena. Mbaghad giet qaltli iva tista tarma.* ***Jigifieri gie l-permess hux,*** *ghax jekk inti ghandek il-Manoel Island ghandek cint li hemm ma l-art mhux qed jidher minn barra imma inti x'hin itellgha l-koppja ha jqum kollox specjalment jekk kien ikun hemm rapport l-Ghassa ta tas-Sliema kollha kienet tigi kieku jekk ma hemmx permess."*[45] Ix-xhud ikompli jispjega li t-tinda kellha tizzarma b'sengha biex ma ssirilhiex hsara ghalkemm jinghad li Frau ma gietx akkuzata li kkawzat xi hsara volontarja jew involontarja.

Dwar it-trailer Publius Said jghid *"Dak it-trailer tieghi u ghandi bzonnu .... Dan kien swieni xi elf u mitejn Maltin.... It-trailer ttiehed minghajr il-permess tieghi, jekk trid tghidlu nsteraq nsteraq..... Meta jiena l-pulizija qaluli ghandek suspett jien ghidtilhom jien naf fejn qieghed it-trailer, ghand is-Sinjura Frau."* [46]

Illi **Henry Borg,** Enforcement Officer mal-MEPA xehed li kien dahal rapport li kien hemm tinda li dwarha ttiehdu passi sabiex titnehha ghax kienu ghaddew iktar mit-tlettin gurnata li fihom setghet tithalla minghajr permess *"it-tletin gurnata ghaddew fis-27 ta Jannar, u dan baqghu hemm, mbaghad wara xi zmien tnehhew. Wara li tnehhew dan l-enforcement inghalaq..... l-Mepa jigifieri ma jidhirli li harget l-ebda permess."*[47] Minn naha tieghu **Kevin Ciantar,** enforcement officer fi hdan il-MEPA, spjega li l-enforcement notice inharget anke fuq il-Gzira Football Club u fuq il-Lands Division bhala propjetarju tal-art.[48] **Mattia Felice,** in rapprezentanza tal-Kunsil Lokali tal-Gzira, xehed li ma kienx kompitu tal-Kunsill Lokali li johrog licenzji ghall-attivitajiet fuq Manoel Island.[49]**Martin Bajada** in rapprezentanza tal-Lands Department, xehed li kien ezaminha numru ta' files u minnhom ma rrizultax li qatt saret xi talba f'isem Ruth Frau.[50] Riprodott kkonferma li Nicholl's Ground jifforma parti mic-cessjoni li saret favur MIDI.[51]Rapprezentant ghal MIDI, **Dr Darren Azzopardi**, xehed dwar diversi applikazzjonijiet biex jintuza Nichols Ground izda dawn saru minn Tyron Demanuele f'isem Gzira United Football Club biex isir cirku bejn l-1 ta' Dicembru, 2012, u s-6 ta' Jannar, 2013, fejn inghatat in-no objection fl-4 t'Ottubru, 2012, fuq applikazzjoni li

---

[44] Fol.70-71
[45] Fol.72
[46] Fol.74-75
[47] Fol.83-84
[48] Fol.88
[49] Fol.139
[50] Fol.173
[51] Fol.341-342

mill-ittra stess jirrizulta li saret fit-30 t'Awissu, 2012.[52] Id-dati susssegwentement inbiddlu ghas-6 ta' Jannar, 2013, sat-30 ta' Jannar, 2013.[53]

Mela process biex jinhareg permess mill-Pulizija, u li kif xehed Supt. Raymond d'Anastasi kellhu bzonn no-objction tal-MIDI, kien definittivament inbeda. Fil-fatt is-**Supretendent Raymond D'Anastasi** esebixxa numru ta' dokumenti li juru li nhargu permessi ghal Fun Fair (luna Park) ghal-perjodu *"mit-12 ta Novembru 2012 sat-30 ta Dicembru 2012. L-iehor mill-1 ta Jannar sat-28 ta' Frar 2013,...".*[54] Fil-fatt jidher permess tal-pulizija mahrug fuq Ruth Frau ghal *"kids entertainement area fuq Manoel Island bejn 12/11/12 u 30/12/12,"*[55] iehor fuq Nichols Ground bejn l-1 ta' Jannar 2013 u 28 ta' Frar 2013 fil-weekends.[56] Dan juri li fid-data tat-22 ta' Novembru, 2012 (data tas-sitt akkuza) permess minn naha tal-Pulizija kien inhareg fuq Ruth Frau ghas-sit in kwistjoni. In kontro-ezami jiddikjara li fl-24 ta' Dicembru, 2012, kien applika Johan Said *"to run a circus at Nicholl Football Ground"* li sussegwentement fit-8 ta' Jannar, 2013, giet irtitata t-talba.[57]

Illi **Peter England** ikkonferma certifikat mahrug minn England Insurance Agency[58] ta' polza t'assikurazzjoni rigward *"tinda ta' cirku"* liema polza intalbet minn Charlon Pace, f'isem Gzira United Football Club, biex *"isiru attivitajiet jew religjuzi jew politici ghal kapricci jew ta' hames mitt ruh bilqeghda jew tmin mitt ruh bilwieqfa ghal attivitajiet politici jew religjuzi taht it-tinda f'Manoel Island.... Mill-1 ta' Frar 2013 sal-15 ta' Marzu 2013...... Hu ddikjara li t-tinda hija ta' terza persuna, issa jekk kellu ftehim jew le ma taghmilx differenza l-polza tirrispondi ghal kwalunkwe negligenza jew nuqqas tieghu..... Bhala l-insurance harget on short notice. It-talba saret fl-1 ta' Frar u l-polza wkoll harget fl-1 ta' Frar. Mort ghamilt survey on site, tajt titwila, rajt li bejn wiehed u iehor l-affarijiet jidhru skond il-prassi tax-xoghol u ma kienx hemm hin biex jintalab iktar certifikazzjoni.......Ifhem kien semmihielna waqt diskursati ohrajn, qatt ma dhalna f'dettall imbaghad on the 11th hour gie ghaliha."*[59]

Illi **Charlon Pace**, President tal-Gzira United Football Club xehed li *"l-club konna dhalna f'agreement mas-Sinjura Ruth Frau biex norganizzaw xi funfares u affarijiet hekk biex ovvjament naqalghu l-finanzi biex inkunu nistghu nsolvu l-problemi finanzjarji tal-club matul l-istagun, u ovvjament ahna lil Ruth intuha l-go ahead li once li ggib il-permessi kollha necessarji tista' taghmel dak kollu li l-permessi jtuk id-dritt biex naqalghu l-flus u hi*

---

[52] Fol.205 u 206
[53] Fol.197
[54] Fol.118. Vide ukoll meta reg'a xehed a fol.320
[55] Fol.120
[56] Fol.121
[57] Fol.354
[58] Fol.26
[59] Fol.233-234

*ovvjament taqsam il-flus mal-club."*[60] Kien ser issir attivita` politika u ngabet il-polza peress li fl-ahhar mill-ahhar l-avveniment kien ser issir fuq il-propjeta` tal-Club.[61]

Illi **Gerald Borg Mizzi** kien jiehu hsieb events fejn kienet tidhol it-tinda ta' Said u kien jinforma lil Frau dwar dawn l-attivitajiet.[62] Hu kien laqqa' lil Frau ma Said ghaliex filwaqt li Frau kellha l-art, Said kellhu t-tinda.[63] Mistqosi minn kellhu l-obbligu igib permessi tal-MEPA u pulizija jghid li ma jafx imma jiddikjara li ghal Novembru kienu inhargu permessi.[64]

Illi l-imputata **Ruth Frau** ghazlet li tixhed. Spjegat kif hi topera luna park u li certu Gerald kien laqahha mal-parte leza. Gerald kien saqsiha jekk setghax itella' tinda u hi qaltlu li qabel ma kien ser ikollha l-permess ta' Gzira United, li kienet tisponsorja, ma setghet taghmel xejn.[65] Saret taf li t-tinda kienet ta' Said meta wara li Gzira United taw il-kunsens taghhom, ikkonfermat li setghu imexxu kif mifthiem. Ltaqaw hi, Gerald u Said *"beda jispjegali, pero' peress li ilha hafna żmien wieqfa ma jafx hijiex tajba, ma jistax jikkompremetti ruhu jekk ma jkunx jaf it-tinda hijiex tajba. Biss jiena peress li kien hemm question mark minhabba ċirku ghal Dicembru, li kont ser inġib ċirku ghal Dicembru jiena pero' personalment, mhux ma' Johan Said, kont tlabt in- no objection in middy[recte MIDI], biex nara nistax norganizza ċirku ġewwa Manoel Island. U jiena kelli diga' n- no objection minn naha tal-Middy ghac- ċirku. Meta Johan lili talabni biex jarma din it- tinda jiena innocentament ghidtlu ha nghidlek Johan, naghmlu haga, jiena ma rridekx tikkomprometti ruhek qabel tkun taf it- tinda hijiex tajba. Jiena ghandi diga' n- no objection minn naha tal- Middy li nista' narma tinda ta' ċirku, jekk trid qabel ma tikkomprometti ruhek arma t-tinda, ara hijiex f' kundizzjoni li tista' tahdem biha, umbaghad minn hemm nitkellmu. U hekk gara. Dan f' Ottubru, lanqas ilhaqt ghidtlu ghax 'l ghada sibtu bit- trailer wara l- bieb. Gab it-trailer u prova jarma din it –tinda, li dam tliet ġimghat biex jipprova jtella' tinda... Il- kundizzjonijiet kienu tajbin. Kien hemm xi haga zghira xi jrid jaghmel imma bhala tinda ma kienx hemm toqob, ghax hu haseb li kienet imgerrma mill- ġrieden u whatever. Setghet tahdem it-tinda.."*[66]

Sar kuntratt ghand Dr. Antonio Depasquale izda gara li Said kellu jgib deposit izda dan baqa' ma gabux. Cemplitlu hi b'certu arroganza u Said *"Gie, beda jghidli skuzani, hafna minn dan imma ghandu l- problemi fuq ic-ċirku, li kien ha jasal ic- ċirku bl- annimali, kien ser jarma c- ċirku, whatever. Erġajt tajtu opportunita' ohra pero' dawn il- flus umbaghad qatt ma waslu.... kien diskors ta' Johan Said stess li qal li jekk biex juri kemm hu raġel hu ser*

[60] Fol.242
[61] Ibid
[62] Fol.308
[63] Fol.309
[64] Fol.310
[65] Fol.357
[66] Fol.359

*jaghti bhala garanzija t –tinda jekk ma jithallasx."*[67] Frau tammetti li t-tinda kienet ghandha u dan ghamlitu biex tonera il-ftehim *"kieku hu tani l- flus it-tinda kien jehodha".*[68]

In kontro-ezami tikkonferma li apparti t-tinda hadet it-trailer li kienet fuqu it-tinda, liema trailer jappartjeni lil Publius Said *"Tinda ma tistax tixhitha mal- art ghax taghmillha l- hsara. It-tinda regghet giet pogguta fuq it-trailer li ndahlet biha."*[69] **Tiddikjara li l-obbligi taghha kienu limitatament biex tottjeni permessi ta' Gzira United u MIDI**.[70] Ix-xhud ssostni li qatt ma ntalbet igib permessi tal-MEPA izda meta armat il-Luna Park gabet il-permessi tal-Pulizija. Mistqosija dwar kienitx konsapevoli mill-fatt li kien hemm bzonn ta' permessi *"Meta jsiru dawn l-attivitajiet kull attivita' ma tistax tibqa' sejra wahda wara l- ohra. Jekk tkun ghal jumejn taghmel licenzja ghal jumejn, jekk tkun ghal hamest ijiem taghmel licenzja ohra u whatever. Jigifieri Johan Said ghal kull attivita' li prova jaghmel taht it –tinda suppost kull darba kellu d- dokumenti necessarji biex ikun jista' johrog licenzja u jarma taht it- tinda. Issa jekk lanqas lil Johan ma talbuh il- permess tal-MEPA biex johrog licenzja ma huwiex tort tieghi ghax hu l- applikant. Qatt ma kont jiena l- applikanta biex jaghmel dak tal-boxing jew meta ghamel tal-fniek, jew meta ghamel tal- kotba….L-art hija tal-Gzira United."*[71]

Frau tghid li ma kienitx giet infurmata minn Said dwar l-enforcement notice *"Le Johan lili kull ma bghatli message twil biex jirrikattani. Mhux li tawh enforcement notice. Johan qatt ma kellimni aktar, l- ahhar telefonata li jiena kelli ma' Johan kienet meta hu ried it- tinda lura qabel ma nghalaq iz- zmien tal- kuntratt ghax kellu avveniment iehor gewwa Ghawdex. Allura beda jipprova johrog it-tinda u hemm dahlet il-bicca xoghol ta' l- MEPA, meta jiena ghidtlu tini l- flus li ghandek ittini u t- tinda tista' tehodha…. Johan Said verbalment qatt ma nformani…. kull ma bghatli messagg biex jirrikattani.".*[72] Sussegwentement kienet kellmuha tal-MEPA u nghatat gimghatejn cans biex tnizzel it-tinda. F'dawk il-gimghatejn kien hemm events pjanati u ghalhekk ma hallietx lil Said inizzel it-tinda.[73]

Illi d-difiza esebiet kopja ta' ittri ufficjali mibghuta lil Said nhar it-22 ta' Marzu, 2013, fejn qed jigi infurmat li fin-nuqqas ta' pagament, it-tinda kienet ser issir propjeta` tal-imputata hekk kif provdut fil-Para.4 tal-Ftehim.[74]

Illi giet prezenata kopja awtentikata ta' assikurazzjoni tal-vettura li ntuzat sabiex jitressaq it-trailer. Jigi sottolinejat li ghalkemm il-prosekuzzjoni

[67] Fol.360
[68] Fol.361
[69] Fol.363
[70] Fol.364
[71] Fol.369
[72] Fol.370
[73] Fol.372
[74] Dok.AA fol.

ghazlet li ggib il-quddiem it-tmien imputazzjoni, din baqghet ma resqet l-anqas l-icken prova dwar liema kienet il-vettura bil-mutur li giet operata ghal dan l-iskop![75]

***Il-Ligi***

**L-ewwel tlett akkuzi- Serq u Ricettazzjoni**

Dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet ta' serq ser issir riferenza ghal dak li jghid il-Carrara li jaghti s-segwenti definizzjoni tar-reat tas-serq: "***Contrectatio*** *dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro.*"[76] Il-Professur Mamo imbaghad fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ikompli ighid:

"An analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:-

1. The *contrectatio* of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. *animo lucrandi*.

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Steve Spiteri u Clayton Cremona:**[77]

"Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellanti, dan jimpernja fuq il-*vexata questio* dwar meta effettivament jissussisti l-element tal-*'contrecatio'* li hu ingredjent essenzjali tar-reat ta' serq, kif defenit mill-guristi Taljani w kif segwit u appikat mill-gurisprudenza nostrana. Kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law – Part II,) :-

*"This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt. But the precise notion of 'contrectatio' is a matter of series controversy among jurists. Three main theories have been propounded."*

Umbaghad il-**Mamo** jghaddi in rassenja dawn it-tlitt teoriji w cioe' dik li tekwipara l-*contrectatio* mac-caqlieq tal-oggett mill-post li jkun fih: *"amotio";* dik li tghid li l-*contrectatio* tikkonsisti fl-*"apprehensio*" jew "*amotio de loco ad locum"* u cioe' li l-oggett irid ikun inhareg mill-isfera tal-pussess jew kontroll tal-possessur legittimu w it-tielet teorija li ttenni li l-'*contrectatio'* issir biss meta l-halliel jiehu r-*refurtiva* fil-post fejn ikollu l-hsieb li johodha *"loco quo destinaverat*". Jikkonkludi li l-ewwel teorija li avalla l-CARRARA giet generalment segwita w applikata mill-Qrati taghna ghalkemm din hi aktar severa w stretta u li din kienet it-teorija abbraccjata fil-Kodici Penali Naplitan li fuqu l-Kodici Kriminali Malti kien tfassal. Jghid ukoll li din hija t-teorija kienet applikata fil-Common Law Ingliza w li giet moghtija gharfien statutorju fil-Larceny Act Ingliz."

[75] Xhieda Spettur Micallef, a fol.115
[76] Vide Criminal Appeal: The Police vs Mario Tanti 09.12.1944
[77] Appell Kriminali Numru. 202/2009, 24 ta' Settembru, 2009

Issa f'dan il-kaz, min kien il-pussessur legittimu? Fil-kaz in dezamina ma kien hemm ebda tehid li sar b'mod frawdolenti u minghajr il-kunsens tas-sid ghax kien hu, Johan Said, li ghamel l-arrangamenti mehtiega ma missieru Publius sabiex t-tinda fuq it-trailer, li jifforma parti integrali mit-tinda tant li minghajru din ma tistax tingarr sabiex tintrama, tigi mehuda fis-sit li kienet qed topera fuqu Frau. Kien Publius Said li ha t-trailer fuq il-post bit-tinda b'kollox sa minn tal-inqas Ottubru, 2012 meta l-akkuzi ta' serq qed jindikaw data fi Frar, 2013. Hemm dubbji ukoll dwar kemm jista' jinghad li Johan Said kien is-"sid" tat-tinda peress li l-Paragarfu 4 tal-Ftehim li jipprovdi li f'kaz li Said jonqos minn xi pagament dovut lil Frau, it-tinda issiru propjeta` tal-imputata.[78]

Imbghad fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni[79]** saret distinzjoni bejn ir-reat ta' serq u dik tal-approprijazzjoni indebita:

"Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent."

Ghalhekk maghdud dana kollu jirrizulta illi l-fattispecje ta' dana il-kaz mhumiex imsejsa fuq l-elementi tar-reat tas-serq jew dawk ta' ricettazzjoni imma jistghu jinkwadraw rwiehom f'dak tal-approprijazzjoni indebita. Il-Qorti hi prekluza milli tikkunsidra jekk jistax jirrizulta r-reat ta' approprijazzjoni indebita peress li l-artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mid-dispozizzjonijiet rezi applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bis-sahha tal-artikolu 525 tal-istess Kodici.

Ghalhekk l-imputata qed tigi liberata mill-ewwel tlett akuzi fuq mankanza ta' provi.

## Ir-Raba Akkuza – Rikatt

L-imputata giet akkuzata bir-reat ravvizat bl-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali:

> **250.** (1) Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa erba' snin.
>
> (2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin.

---

[78] Fol.12-13

[79] 09.06.1998.

L-istess Kodici jistabbilixxi dak li jammonta kemm ghal kwerela kif ukoll ghal denunzja:

> **535.** (1) Kull persuna tista' tagħmel denunzja lil uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva ta' reat li tkun ġiet taf bih b'kull mod li jkun, u li għalih il-Pulizija tista' tmexxi *ex officio….*
>
> **536.** Id-denunzjant għandu jfisser ċar il-fatt bl-irqaqat kollha tiegħu, u għandu jagħti, kemm jista' jkun, dawk il-partikularitajiet kollha meħtieġa li jaċċertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tiegħu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-kompliċi….
>
> **538.** Kull persuna li jidhrilha li hi offiża b'reat u tkun trid tagħmel kwerela għall-kundanna tal-ħati, jekk magħruf, jew, jekk mħux magħruf, fil-każ li jinkixef, tista' tagħmel din il-kwerela lil kull uffiċjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra biss.

Issir riferenza ghad-decizjoni preliminari tal-Qorti ta-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Maestà Taghha r-Regina kontra Geraldu Cassar et:**[80]

Ir-reat ta' rikatt aggravat bil-kosegwiment tal-lukru kontemplat fl-artikolu 263(2) [illum 250(2)] tal-Kodici Kriminali hu reat istantanju u mhux permanenti, imma billi l-effett tieghu, cioè l-biza tad-denunzja inkulkata fis-soggett passiv tista' u generalment tibqa' tipperdura, jippresta ruhu hafna ghar-ripetizzjoni jew ghal forma kontinwata (skond is-solita regola jekk l-attijiet sussegwenti ikunux l-effett ta' rizoluzzjoni gdida kull darba jew tar-rizoluzzjoni originali u unika) u dan anke fis-sens li l-estorsjoni tal-lukru, fl-izvolgiment ulterjuri tad-delitt (jew kontinwat jew semplicement ripetut), ma jkollhiex ta' kull darba l-bzonn tar-ripetizzjoni espressa u formali tat-theddida, u dan ghar-raguni ovvja li l-persuna rikattata, darba li tilhaq tigi sufficjentement impressjonata, tkun lesta ccedi ghal kwalunkwe domanda estorsiva li terga' ssirilha mill-kompartecipi originali tad-delitt, liema domanda ma jkollhiex bzonn ta' formuli specjali ghax tinftiehem, basta li dawk li ghandhom jiggudikaw mill-fatti jkunu sodisfatti li l-attijiet il-godda jkunu kkuluriti mill-intenzjoni doluza mehtiega ta' l-agent u mill-effett estorsiv attwalment ezercitat fuq l-animu tas-soggett passiv li, kif hu risaput bhala karatteristika ta' dan id-delitt fahxi, spiss isir qisu awtoma li r-rikattatur jilghab bih kif irid u meta jrid.

Imbaghad fis-sentenza **Il-Pulizija v. Edgar Apap** gie deciz li:[81]

Il-ligi tikkontempla d-delitt ta' rikatt li jigi kommess bil-hsieb, fost ohrajn, li jsir xi qliegh. ….
L-artikolu l-lum numerat 263(1) kellu zewg emendi-… dik tal-Ordinanza IX tal-1859…..ghaliex kien bl-art.18 taghha li gew introdotti fid-disposizzjoni l-kliem "o di fare altro lucro".
Ghalhekk hu cerat li sa meta ma gietx l-emenda tal-1859, il-lokuzzjoni tal-epoka keinet "denaro od altro ogetto" jew "robe"- haga certament ta' valur patrimonjali materjali; tant li fil-Progett il-piena kienet gradwata skond il-valur;;
Il-problema guridika ghalhekk hu x'inhu s-sens tal-kliem aggunti bl-Ordnanza tal-1859 " o di fare altro lucro….", jew ahjar tal-kelma "lucro"….
Il-kelma "lucro" hi definita bhala "guadagno", li hi l-kelma "gain" fit-test Ingliz…. U l-istess jibqa' dan is-sens materjali tal-kelma anki jekk wiehed jiehu l-ezempju estrem tal-uzu taghha fit-Terenzio "Quid mihi lucre est te fallere?" (Che guadagno c'ho io dall-ingannarti?"). ma jinstabx uzu tal-kelma f'sens ta' godiment jew sodisfazzjoni personali jew morali; ….
Ghandu jigi osservat ukoll li fil-ligi taghna hemm kontemplata l-minaccia li wiehed jakkuza lil hadd iehor minn delitt, bhala rikatt, u hemm anke kontemplat il-kaz ta' akkuza kalunnjuza effettiva; u f'dan il-kaz ta'

[80] Dec: 2 ta' Lulju, 1975 per S.T.O. Prof. J.J. Cremona, Onor. Maurice Caruana Curran B.A., LL.D., u Onor. Victor R. Sammut B.A., LL.D.
[81] Dec. 13.04.1957 – Kollez. XLI.IV.1378

kalunnja jinghad, fl-art.99(a) tal-Kodici Malti – "Meta d-delitt isir bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra..."; u ma hux facli li wiehed isib raguni ghaliex, meta ssir il-minaccia biss ta' akkuza (rikatt), hu bizzejjed anki godiment kwalunkwe, anke mhux materjali, mentri, meta hemm il-kalunnja effettiva, allura l-iskop hu limitat ghal flus jew haga materjali.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelo Vella** qalet dan dwar l-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali:[82]

Dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali gie kkunsidrat funditus mill-kompjant Imhallef W. harding fis-sentenza in re**. "Il-Pulizija vs Edgar Apap"** tat-13 ta' April, 1957 fejn gew anke kkunsidrati l-import tal-kliem 'qliegh' fil-kuntest ta' dan l-artikolu. Jidher illi l-origini ta' dan l-artikolu huwa xi ftit oskur kif gie spjegat fl-imsemmija sentenza, però ma hemmx dubju illi wiehed mill-elementi principali ta' dan ir-reat huwa illi min jikkommettieh irid ikun hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra persuna ohra jew li jaghtiha mala fama bhala hatja ta' reat jew ta' fatt li jtellef il-gieh u li inoltre dan it-theddid irid ikun akkompanjat bl-element intenzjonali specifiku u cioè li l-hati jrid ikollu l-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra jew li jaghmel xi qligh bhala rizultat ta' dik it-theddida.

Ssir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismsijiet **Il-Pulizija vs Ashraf Elbakry**:[83]

Illi l-legislatur permezz tat-terminologija uzata sabiex issawwar dana ir-reat fassal l-elementi kostituttivi tieghu fejn ghamel distinzjoni bejn l-intenzjoni rikjesta fir-reat tal-estorsjoni ta' flus fejn allura l-malvivent qieghed jaghmel ir-rikatt tieghu ghal skopijiet ta' qliegh jew lucro u dak fejn allura l-intenzjoni tar-rikattatur huwa biex igieghel lill-vittma tieghu taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga. Illi fil-kawza **il-Pulizija vs Edgar Apap** deciza it-13 ta' April 1957 il-Qorti kienet studjat *funditus* l-element tal-qliegh bhala bazi ghar-reat tar-rikatt meta qalet:

*"Il-kelma 'qliegh' fil-materja tirreferixxi ghal xi haga li ghandha valur patrimonjali, u mhux kompriz is-sens ta' dik il-kelma kwalunkwe godiment jew pjacir, jew sodisfazzjon, anki mhux ta' valur patrimonjali. Jekk l-iskop ta'l-agent kien dak ta' sodisfazzjon personali biss sija pure riprovevoli, jonqos l-elment kostituttiv tar-rikatt."*

Illi, madanakollu, dina d-disposizzjoni tal-ligi kienet giet emendata permezz ta'l-Att numru III tal-2002, fejn dahhlu fis-sehh diversi emendi ghal Kodici Kriminali taghna. Illi bis-sahha ta'dina l-emenda l-legislatur ried jipprovdi sanzjoni ukoll fil-kazijiet fejn l-intenzjoni tar-rikattatur ma tkunx biss dik tal-qliegh finanzjarju jew ekonomiku jew ta' xi gwadann iehor personali. Illi fil-laqgha tal-Kumitat tal-Kamra tar-Rapprezentanti ghall-Abbozz tal-Ligi dwar dawn l-emendi l-Onor. Tonio Borg ighid hekk dwar l-iskop ta'l-emenda ghall-artikolu 250 in dizamina:

*"Qabel ir-rikatt kien ikkonsidrat biss bħala att kriminali jekk kien iwassal għal gwadann ekonomiku, bdil jew distruzzjoni ta' provvediment kuntrattwali jew inkella ta' testment, pero` bl-emenda li qed nagħmlu r-rikatt se jkun ipprojbit kriminalment għal kwalunkwe skop u se jkun meqjus bħala att kriminali, anke jekk, per eżempju, ikun hemm theddida ta' inġurja jew ta' malafama fil-konfront ta' persuna."*[84]

......Konsegwentement l-intenzjoni wara r-rikatt jew it-theddida hija li l-malvivent igieghel lill-vittma tieghu jaghmel xi haga li altrimenti ma kienx ser jaghmel billi ibezzghu b'minacca ta' hsara li tista' tigri

---

[82] Onor Imhallef Dr. Carmel A. Agius; Deciza 28 ta' Lulju, 1988
[83] Deciza 09.01.2014; Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor Magistrat Dr Edwina Grima.
[84]Laqgha tas-17 ta' Ottubru, 2001

lill-vittma tieghu jekk ma jaghmilx dak illi irid igieghlu jaghmel. Fil-fatt is-sub-inciz (2) ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi tipprevedi zieda fil-piena meta ir-rikattatur jirnexxielu fl-intenzjoni tieghu.

Din is-sentenza giet citata f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edgar Publius Bonnici Cachia**:[85]

Illi ghalhekk biex jissussisti r-reat in ezami mhux necessarju li jigi pruvat li limputat ried jaghmel xi gwadan patrimonjali ghaliex jista jissussisti r-reat, kien x'kien l-iskop li ried jilhaq l-imputat b'l-agir tieghu; dan naturalment jekk jigu pruvati l-elementi l-ohra rikjesti biex jissussisti r-reat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kellu skop specifiku: dak li jkun jaf ghalfejn Farrugia temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Jirrizulta ukoll li huwa agixxa bil-mod kif agixxa fil-konfront ta' Farrugia biex jilhaq dan il-ghan.

Ill pero l-artikolu 250 fuq kwotat jirrikjedi ukoll li biex l-imputat jilhaq dak l-iskop irid ikun ghamel theddied fil-konfront tal-vittma, u li dan it-theddied ikun li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak li "hedded" bih l-imputat kien li ser jipprezenta ruhu quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku biex jixhed fil-proceduri ta' annullament ta' Farrugia. Hu "hedded" ukoll li ser ikellem li xi persuni "influwenti" fit-Tribunal Ekklesjastiku u anke li ser iwassal biex Farrugia ma tiehux l-annullament. X'kien ser jghid l-imputat lil dawn in-nies, jew x'kien ser jixhed kieku gie accettat bhala xhud quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ma jirrizultax; ghalhekk ma jistax jinghad li huwa kien ser jaghmel xi malafama filkonfront ta' Farrugia. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat kien ser jaghmel xi denunzja jew kwerela kontra Farrugia.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa mankanti element essenzjali tar-reat in ezami li ghalhekk ma jistax jissussisti.

Ghalhekk bla dubbju l-fatt li persuna tkun ser tirraporta persuna ohra, takkuzaha b'xi haga jew taghmel ilment dwarha, jikkwalifika bhala *"kwerela"* jew *"denunzja"* kemm il-darba l-att ilmentat ikun <u>jammonta ghal reat</u>. Ikun jintieg ukoll li dak l-ilment issir lill-<u>Pulizija Ezekuttiva</u>.

Illi ma ngiebet ebda prova li kien hemm xi theddid da parti ta' Ruth Frau li a) taghamel denunzja jew b) kwerela jew c).taghti malafama, lil Johan Said, u wisq inqas ma giet pruvata l-mens rea rikjesta b'dan l-artikolu. <u>Il-Qorti taghzel li tkun ferm kawta dwar min effettivament kellhu jigi akkuzat b'din l-akkuza</u>!

Ghaldaqstant Ruth Frau qed tigi liberata minn din ir-raba imputazzjoni.

## <u>Il-Hames Akkuza – Raggion Fattasi</u>

Illi l-imputata giet akkuzata bir-reati ta' raggion fattasi u ghalhekk tassumi rilevanza s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Domenic Azzopardi** fejn il-

---

[85] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Deciza 26.03.2015 per Onor Magistrat Dr Doreen Clarke.

Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ghamlet ezami *funditus* dwar id-distinzjoni bejn ir-reati ta' serq u dak ta' *raggion fattasi*:[86]

Illi d-distinzjoni bejn ir-reat tas-serq u dak tar-*raggion fattasi* giet esposta b'mod esawrjenti f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Police vs Siddy Sangari** deciza fis-16 ta' Lulju 2010 (per Prim'Imhallef Vincent De Gaetano) fejn il-Qorti stqarret:[87]

"It is trite knowledge that for the offence of arbitrary exercise of a pretended right to subsist, the interference with another's property, moveable or immoveable, must be effected "without intent to steal or to cause any wrongful damage, (sottolinjar ta' din l-Qorti) but only in the exercise of a pretended right". The words underlined clearly imply that in the first place **there must be the exclusion of the intent to steal** (sottolinjar tal-Qorti); the intent to exercise a pretended right coupled with the intent to steal (that is, the intent to steal for the purpose of exercising a pretended right) would put the material element of the offence outside the ambit of Article 85(1) (see inter alia **Il-Pulizija v. Godwin Zammit**, Court of Criminal Appeal, 20/11/1998). Although as was stated by this Court in its judgment of the 15/11/1996 in the names **Il-Pulizija v. Mario Lungaro** the particular intent with which the material act is committed will generally determine whether the offence is one of ragion fattasi or some other offence, such as voluntary damage to property or theft, the starting point must always be to examine whether the intent to steal can be excluded.

In the words of Luigi Maino (***Commento al Codice Penale Italiano*** [*terza ristampa della terza edizione*], UTET, 1922, vol. IV, pp. 13-14, para. 1842:
**"Nel reato di furto il dolo e` di doppia specie, cioe` generico, o consistente nella scienza e volonta` di fare cosa illegittima, e specifico, ossia dipendente dall'animo di lucro, che differenzia questo delitto da altra specie di reati contro la proprieta`. Per mancanza di dolo generico non risponde di furto chi abbia preso la cosa altrui per semplice disavvertenza; chi per errore creda esservi il consenso del proprietario al suo impossessarsi della medesima; chi in buona FEDE ha creduto trattarsi di cosa abbandonata."**
As was pointed out by this Court (Galea Debono, J.) in its judgment of the 30/1/2003 in the names **Il-Pulizija v. John Galea u Paul Galea**, the gain envisaged by the *animus lucrandi* – the specific intent – for the purpose of theft is not necessarily a pecuniary gain. There would be "gain" if the person takes something, belonging to another person, simply for the former to enjoy the thing so taken (e.g. a painting or other piece of art). Again in the words of Maino:
**"…per *lucro* o *profitto* nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque soddisfazione procurata a se` stesso, onde anche chi rubi per donare o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile di furto."**

But then this same author goes on to qualify the gain required for the purpose of theft as being an illicit or unlawful gain – *profitto illecito* – and on the basis of this qualification goes on to state (and the following quotation was reproduced, apparently with approval, in the **Galea** case, abovementioned):
**"…non sara` dunque applicabile il titolo di furto, ma quello di ragion fattasi, a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito e a chi sotragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto: e cio` perche` in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un *illecito* profitto quello di evitarsi un danno."**

[86] Deciza 13.10.2011 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima
[87] Is-sentenza inghatat bil-lingwa Ingliza billi l-proceduri kienu bl-ingliz peress illi l-imputat ma huwiex ta' nazzjonalita' Maltija

This Court, as now presided, cannot completely agree with this proposition. Carrara's definition of theft does not require that the gain should be an illicit or illegal gain – *animo di farne lucro* and not *animo di farne ingiusto lucro*.
Moreover, the definition of the offence of *ragion fattasi* in the *Codice Zanardelli* – to which Maino was evidently referring when writing – *Articolo 235* – did not, unlike our Article 85(1), require specifically, as a starting point, the exclusion of the intent to steal; that provision merely provided *"Chiunque, al solo fine di esercitare un preteso diritto, nei casi in cui potrebbe ricorrere all'Autorita`, si fa ragione di se` medesimo…"*. Our law, as we have seen, specifically requires not only the intent to exercise a pretended right, but also that this pretended right should not be exercised concurrently with any intent to steal: (sottolinjar ta' din l-Qorti)
*"…without intent to steal…but only in the exercise of a pretended right…"*. Consequently it is immaterial whether the gain is *giusto* or *ingiusto*. This also appears to be the position taken by modern Italian jurists. Thus Francesco Antolisei, in his ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I*** Giuffre` Editore (Milano) 1986, pp. 255-256 comments as follows:
**"…il legislatore non ha voluto permettere che colui il quale vanta una pretesa legittima possa soddisfarla, prendendosi senz'altro le cose altrui. La tutela del possesso realizzata con l'incriminazione del furto sarebbe molto affievolita se si ammettesse una facolta` cosi` estesa…Riteniamo, pertanto, che l'ingiustizia del profitto sia estranea alla nozione del furto, il quale, percio`, sussiste anche se il vantaggio a cui mirava l'agente non presentava quel carattere, e cioe` era legittimo.""**

Illi l-fattispece ta' dan il-kaz jinkwadra perfettament fil-hames imputazzjoni, dik ravvizata bl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana** intqal hekk:[88]

"…… kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li gie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess taghha qabel dak l-att spoljattiv……

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:

**"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.**

**L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.**[89]"….

"Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-

[88] Deciza 30.11.2016 per Onor Imhallef Dr. Edwina Grima
[89] **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** – App.Inf.

oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[90]"[emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Eileen Said**:[91]

Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right" . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**. " (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu . Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :- [emfazi tal-Qorti]

"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale .

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Abela** iddikjarat kif gej:[92]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

---

[90] Appell Kriminali **il-Pulizija vs Mario Bezzina** dec 26/05/2004
[91] Onor Imhallef Dr Joseph Galea Debono; Dec.19.06.2002; App. Nru.37/2002 JGD.
[92] Deciza 13.10.2014 per Onor Magistrat Dr. Neville Camilleri; Kump. Nru 866/2011

"[F]il-ligi taghna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, huma erbgha, u cioe:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di private braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123).

Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[93]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess. [emfazi tal-Qorti]

Ghalhekk fuq skorta ta' din il-gurisprudenza kif ukoll tenut kont tar-rizultanzi processwali, il-hames imputazzjoni, ma gietx soddisfacentement ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi u dan peress li l-parte civile ma kellhux il-pussess effettiv ta' dik it-tinda, izda aktar minn hekk, permezz tal-Ftehim milhuq minnu, huwa dahal ghall-obbligi mal-imputata li f'kaz li jonqos f'xi pagament kif maqbul fl-istess Ftehim, it-tinda kienet ser issir propejta` taghha!

Illi ghalkemm it-trailer ma jissemma mkien fil-Ftehim, tinda minghajr trailer qatt ma setghet tingarr u tintrama'; fil-fatt dan thalla' fuq il-post minn Publius Said anke wara li twasslet u giet armata t-tinda. It-*trailer* jifforma '*part and parcel'* mit-tinda, mhux ancillari maghha izda parti integrali magha. Ikun ghal kollox superfuwu li tezaminha jekk Johan Said qattx seta' jifthiem fuq hwejjeg li ma kienux propjeta` tieghu (it-trailer) ghaliex kif gja gie osservat ma hemm ebda akkuza ta' approprijazzjoni indebita fir-rigward.

Il-Qorti ma tista ma tikkumentax dwar il-fatt li aktar ma jghaddi zmien minflok ma partijiet ifittxu li jindirizzaw il-lanjanzi taghhom fil-forum

[93] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru, 1996.

kompetenti u cioe' fil-qrati civili, jaghzlu li jifthu procedurali penali li qatt ma jistghu iwasslu sabiex tali lanjanzi jigu rizolti definittivament.

**Is-Sitt Akkuza - Frodi**

Illi l-imputata gie akkuzata bir-reat ta' frodi ravvizat bl-artikolu 308 tal-Kodici. Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Etienne Bartolo u Karl Vella Petroni** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta):[94]

Illi **inkwantu ghall-mertu** jinghad li d-differenza bejn ir-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna[95].

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[96].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[97] *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li *nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[98].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[99].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[100]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-*

---

[94] Deciza 16.03.2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

[95] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et;** Deciza fil-15 ta' Dicembru, 2011.

[96] **Pulizija ve Carmela German** Appell Kriminali; Deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

[97] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

[98] Op cit pagna 357

[99] **Pulizija vs Emanuel Ellul** deciza 20.06.1997.

[100] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

a. *b'mezzi kontra l-ligi, jew*
b. *billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
c. *ta' kwalifiki foloz jew*
d. *billi jinqeda b'qerq iehor u*
e. *ingann jew*
f. *billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
g. *jew ta' hila*
h. *setgha fuq haddiehor jew*
i. *ta' krediti immaginarji jew*
j. *sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* **"l'elemento del'danno patrimoniale"** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "****I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta/ accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi inkwantu ghall-mertu tal-kaz, referenza ssir ghas-sentenza fl- ismijiet **Il-Pulizija vs George Debono:**[101]

*"Illi sentenza fejn il-fattispecje taghha kienu jirrigwardaw proprju cekk mhux onorat hija dik moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuele Vella deciza fl-20 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti stqarret:*

*"Issa dak li ghamel l-appellant cioe' li hareg cekk meta fil-kont ma kellux fondi, ghalkemm certament kien hemm l-element tal-qerq ma jistax jinghad li f'dana il-kaz induca lil xi hadd milli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga bi hsara ghal dak ix-xi hadd u bi qliegh ghalih." Il-Qorti tkompli tispjega illi fi kliem iehor ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness mehtieg bejn il-qerq adoperat mill-imputat u xi att ta' kummissjoni jew ommissjoni da parti tal-parti leza. Il-Qorti izzid illi peress illi dana in-ness huwa ukoll mehtieg ghall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 lanqas ma jista jissussisti f'dana il-kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309.*

*F'dana il-kaz ghalhekk l-element essenzjali ghal kummissjoni tar-reat tat-truffa u cioe' illi bl-agir tat-truffatur huwa ikun induca lill-vittma fi zball li permezz ta' dana l-izball il-vittma jaghmel jew jonoqs milli jaghmel xi haga bil-konsegwenza li issofri telf patrimonjali u bil-korrispondenti qligh ghall-agent certament ma jissussistiex f'dana il-kaz."*

Mill-atti processwali ma jirrizulta minn imkien li l-imputata ghamlet uzu minn xi *misc en scene*, ingann, artifizji jew raggiri. Illi mill-ftehim innifsu ma jissemma' mkien li l-post kien kopert bil-permessi necessarji jew, minn tal-inqas, li t-tinda ittellghet b'dak l-intendiment tenut kont li kienet ilha armata xi 3 gimghat qabel ma sar l-ftehim - *"on the 22nd of November jien iffirmajt dan il-kuntratt u nametti li ffirmajt bit-tinda ga armata."*.[102] L-obbligu li jingiebu permessi issir riferenza ghalih biss fil-para (5) meta hemmhekk il-permessi kellhom jinhargu fuq Said – u ghalhekk hu kellhu jkun l-applikant - fir-rigward ta' attivitajiet organizzati minnhu. Mix-xhieda tal-parte leza, jirrizulta biss li Frau *"intrabtet qaltli ghax jiena ghandi l-permessi sal-15th of March u ma nistax intik iktar mill-15th of March tas-sena ta wara,"*.[103]

Illi s-semplici gidba tista' twassal biss ghal sejbien ta' htija ghall-frodi innominat u mhux ghal truffa taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Qed issir din id-distinzjoni bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici peress li fi kwalunkwe mod, ma nghatatx akkuza ai termini tal-artikolu 309.[104] Madanakollu irid jinghad li ma ngiebet ebda prova li l-imputata kienet inveritjera ma Said. Anzi c-cirkostanzi jimmiltaw kontra sejbien ta' htija tal-imputata peress li:

[101] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza fl-14 ta' Lulju, 2010.
[102] Fol.47
[103] Fol.47
[104] Tant hu hekk li lanqas l-Avukat Generali ma indika dan l-artikolu fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju minn tieghu, Fol.335

- kif xehed Henry Borg sas-27 ta' Jannar, 2013 ma kien jinhtieg l-ebda permess; is-Supretendent D'Anastasi xehed li permess kien hemm ghal perjodu bejn it-12/11/12 u t-30/12/12;[105]
- Dr Darren Azzopardi xehed li bin-no objection taghhom il-MIDI twittiet it-triq ghall-hrug ta' permessi tal-Pulizija;[106]
- Peter England ikkonferma li polza t'assikurazzjoni fuq it-tinda inharget wara talba minghand Charlon Pace f'isem il-Gzira United FC u li kienet ilha tissemma f'diskussjonijiet mal-Insurance Agency;[107]
- Gerald Borg Mizzi jikkonferma li f' Novembru kienu inhargu permessi.[108]

Jigi sottolinejat ukoll li jekk sehh xi frodi da parti tal-imputata din sehhet fiz-zmien qabel ma Said installa t-tinda, u li kien per konsegwenza ta' tali ingann, li hu pproceda biex itella' t-tinda. Jghid kemm il-darba li hu rama it-tinda ghax emmen li Frau kienet gabet il-permessi mehtiega! Izda fi kliemu t-tinda installaha xi 3 gimghat qabel ma gie ffirmat l-ftehim, f'Ottubru "*U kont ilni minn October armat jien*"[109] u *"on the 22nd of November jien iffirmajt dan il-kuntratt u nametti li ffirmajt bit-tinda ga armata."*[110] Issa l-akkuza hi marbuta ma data preciza u cioe' limitata biss ghal jum li fih gie ffirmat il-ftehim, it-22 ta' Novembru, 2012, ferm wara li giet installata t-tinda.

Ghaldaqstant is-sitt imputazzjoni ma tista' qatt tirrizulta ppruvata ghar-ragunijiet kollha imsemmija.

**Is-Seba Akkuza - Artiklu 338(gg)**

Illi nhar is-17 ta' Marzu, 2015, regghu inqraw l-akkuzi bil-gurament u dan meta l-imputazzjoni hi wahda kontravvenzjonali. Jinghad ghal kull buon fini li l-provi juru li kien hemm il-permessi necessarji mahruga mill-Pulizija hekk kif jikkonferma is-Supretendent Raymond D'Anastasi.[111]

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara s-seba imputazzjoni bhala preskritta u konsegwentement estinta.

---

[105] Fol.120 u Fol.319
[106] Fol.205-206
[107] Fol.234-235
[108] Fol.310
[109] Fol.58
[110] Fol.47
[111] Inhareg permess kids entertainement area ghal bejn 12/11/12 u 30/12/12 u bejn l-1 ta' Jannar 2013 u 28 ta' Frar 2013 fil-weekends – fol.120-121

**It-Tmien Akkuza - Uzu ta' Vettura bla Assikurazzjoni**

Kif gja gie rilevat aktar il-fuq, il-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-icken prova dwar liema vettura intuzat u li inoltre` kienet bla assikurazzjoni![112]

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, tiddikjara s-seba imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata bhala preskritta u konsegwentement estinta, ma ssibx lill-imputata hatja fuq l-imputazzjonijiet l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi, u konsegwentement tilliberaha minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[112] Vide xhieda Spettur Jesmond Micallef, fol.115